ĦAŻ-ŻABBAR
*Citta` Hompesch*

**Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

**Il-Pjan tal-Ħidma**

**2012 - 2014**

**Il-Werrej**


Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni 1

L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri 2

L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji 3

Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill 5

Tbassir dwar il-Finanzi u u r-Rendiment 7

L-Iżvilupp Kapitali 11

Bħalma jsir kull sena l-Pjan tal-Ħidma qed jerġa' jiġi analizzat u rivedut fis-sena finanzjarja kurrenti.

Matul is-sena 2012 il-Kunsill qed jistma dħul ta' €891, 550 li € 692,645 minnhom ser jidħlu mill-allokazzjoni tal-Gvern.

Il-kumplament mistennija jidħlu minn skemi ta' għajnuniet finanzjarji li l-Kunsill ser ikun qed japplika għalihom, kif ukoll minn Ksur ta' Bye Laws u minn dħul ġenerali ieħor.

L-infiq għas-sena finanzjarja 2012 ser ikun ta' €907,223 li minnhom €281, 948 ser ikun Infiq Kapitali. L-ammont ta' €470, 950 ser jintefaq fuq il-voti taħt Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €154, 325 ser tkun l-ispiża fuq Salarji.

Fis-sena 2013 l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija tibqa' prattikament l-istess u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €694,000. Taħt il- *Public Private Partnership Scheme* il-Kunsill ser ikun qed idaħħal lura €11, 219 għal xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq. Mill-attivita' kulturali 'Lejla Fil-Belt Hompesch' mistennija għajnuna finanzjarja mill-Gvern ta' €5,000.

L-infiq għall-istess sena mistenni jkun ta' €748, 129.

Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej : €154,979 fuq Salarji, €499,650 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €93, 500 fuq Infiq Kapitali.

Fis-sena 2014 l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija ukoll tiżdied marġinalment u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €695,000. L-infiq għall-istess perjodu mistenni jkun ta' €823, 075.

Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej : €156,725 fuq Salarji, €502,850 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra, filwaqt li €163, 500 ser imorru fuq Infiq Kapitali.

Domenic Agius
Sindku

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

Bi pjan li jpoġġi r-residenti fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar jfittex li jindirizza l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tar-residenti.

## 2.2 Il-Valuri

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali hija bbażata mill-valuri:

1. **Tal-inklusivita`** f'dik li hija ħidma sportiva, kulturali, ambjentali, infrastrutturali u edukattiva.
2. **Tal-Impenn Soċjali**, fejn kull ċittadin jingħata importanza mingħajr distinzjonijiet ta' sess, razza jew abilta'.
3. **Tal-Effiċjenza u Akkontabilita`**, fejn il-ħidma kollettiva tkun waħda li tfittex li ttejjeb is-servizzi offruti mill-Kunsill u jiġi assigurat l-valur għall-flus minfuqa.

### 3.1 L-Għanijiet u r-Rizultati Mistennija matul is-snin 2011-2013

| L-Għanijiet | Ir-Riżultati Mistennija |
|---|---|
| Li ntejbu s-servizz tal-'customer care' b'mod speċjali billi nżiedu l-**effiċjenza** biex l-ilmenti tal-pubbliku jiġu ndirizzati b'mod aktar effettiv. | L-għan hu li ċ-ċittadini jħossuhom parti mill-komunita u li qed jingħataw l-aħjar servizz possibbli. |
| Li nkomplu nħeġġu l-**parteċipazzjoni** attiva taċ-ċittadini Żabbarin fil-ħidma tal-Kunsill. | Li l-proġetti proposti jiġu attwati mill-istess ċittadini u kif ukoll tal-għaqdiet lokali |
| Li **ngħollu** u **ntejbu** l-livell soċjali, edukattiv, kulturali u sportiv fil-lokal tagħna. | Li jitwettqu numru ta' proġetti fl-oqsma soċjali, edukattiv, kulturali u sportiv. |
| Attitudni intraprenditorjali fl-immaniġjar tal-fondi pubbliċi bil-għan li tiżdied l-**effiċjenza** u l-**effettivita`**. | Ikomplu jiġu analizzati l-prattiċi imħaddma sa issa fil-Kunsill, u fejn il-Kunsill jara li huma applikabbli, jiġu mplimentati r-rakkomandazzjonijiet għal titjib li jinħarġu minn din l-analiżi. Barra minn hekk, isir użu aħjar tal-iskemi li jinħarġu mill-Gvern u ta' programmi tal-Unjoni Ewropeja. |
| Li jkun hemm iżjed ċittadini li jieħdu interess fil-ħidma u l-programmi tal-Unjoni Ewropea. | Li jkun hemm aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u l-programmi li toffri. |
| Strateġija ċara, mwettqa b'ħidma effettiva fuq dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir ta' skart separat. | Inqas skart solidu li jiġi mitfugħ fil-'landfill' billi inkomplu inħeġġu s-separazzjoni tal-iskart u b'hekk jiġu frankati l-flus li jistgħu jiġu utilizzati għal skopijiet u proġetti oħra. |

**3.3 L-Istrateġiji** L-għanijiet tal-Kunsill jistgħu jintlaħqu biss jekk ix-xogħol isir kif ippjanat billi jingħarfu kemm l-opportunitajiet li jeżistu kif ukoll il-limitazzjonijiet li l-Kunsill għandu.

Kif jidher fir-rapport finanzjarju li qed jiġi ppreżentat f'dan il-pjan, il-finanzi tal-Kunsill huma limitati ħafna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kunsill qed ifittex mezzi alternattivi biex isib finanzjament għal ċerti proġetti. Dan ser isir billi:

1. Issir ħidma għaqlija biex possibilment jinġiebu fondi minn kull skema li joħroġ il-Gvern Ċentrali li għaliha jkun eliġġibli l-Kunsill.
2. Issir ħidma biex jinġiebu fondi minn programmi tal-Unjoni Ewropea.
3. Jiġu esplorati modi ta' kif jitnaqqas l-infiq tal-Kunsill mingħajr ma titnaqqas l-kwalità tas-servizz offrut.

Filwaqt li kull xogħol li jsir jirrikjedi l-finanzi biex isir, hemm bżonn ukoll il-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li għandhom xi ħaġa x'joffru. Għaldaqstant il-Kunsill ikompli jikkonsulta mal-pubbliku fuq l-operat tiegħu. Dan jista' ikun possibbli biss jekk iċ-ċittadini Żabbarin jinvolvu ruħhom f' dan il-proċess ta' konsultazzjoni.

Kull ħidma, biex tkun effettiva, trid tkun miftuħa għall-bidla. Għalhekk il-Kunsill għandu jevalwa, iqabbel u jkejjel il-ħidma li tkun qiegħda ssir mal-għanijiet u l-istrateġija li hawn elenkati f'dan il-pjan.

Fl-aħħar irid isir koordinament biex dan il-pjan li qed jiġi propost isir b'mod ħolistiku.

Għaldaqstant l-istrateġija ser tkun ibbażata fuq erba' binarji li huma:

| |
|---|
| Fondi supplimentari |
| Konsultazzjoni pubblika |
| Evalwazzjoni |
| Koordinament |

## 4.1 L-Organizzazzjoni

Għas-snin li ġejjin l-istruttura tal-organizzazzjoni amministrattiva trid tkompli tkun kompattibbli mal-funzjonijiet tal-Kunsill.




Id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kunsill wara li dan jikkunsidra r-rapporti, l-ilmenti u s-suġġerimenti tas-SottoKumitati kif ukoll dawk tal-pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv jimplimenta d-deċiżjonijiet bl-għajnuna tal-Assistenti Amministrattivi u l-Uffiċjali Eżekuttivi kif ukoll jiddelega xogħol ieħor lill-ħaddiema assenjati.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Qed jiġi kontemplat li matul is-snin 2012-2014 il-Kunsill ser ikun qed jagħmel xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq kif ukoll proġett ġdid ta' post ta' post ta' rikreazzjoni fil-Qasam tad-Djar f'Buleben iż-Żgħir.

Fis-sena 2013 l-proġetti ta' natura kapitali mistennija jonqsu u dan minħabba l-fatt li matul is-sena ta' qabel il-Kunsill ser ikun wettaq xogħol li l-ispiża tiegħu mistennija tlaħħaq aktar minn €270, 000.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

*5.0 It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment*

### 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2012-2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dhul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 840,850.00 | 710,219.25 | 700,000.00 | 2,251,069.25 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 19,100.00 | 15,500.00 | 15,500.00 | 50,100.00 |
| 0090 | L-Investiment | 600.00 | 500.00 | 500.00 | 1,600.00 |
| 0100 | Generali | 31,000.00 | 20,000.00 | 20,000.00 | 71,000.00 |
| | TOTAL | **891,550.00** | **746,219.25** | **736,000.00** | **2,373,769.25** |
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 154,325.00 | 154,979.00 | 156,725.00 | 466,029.00 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | 470,950.00 | 499,650.00 | 502,850.00 | 1,473,450.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 281,948.00 | 93,500.00 | 163,500.00 | 538,948.00 |
| | TOTAL | **907,223.00** | **748,129.00** | **823,075.00** | **2,478,427.00** |
| | **BILANC FAVUR / (KONTRA)** | **(15,673.00)** | **(1,909.75)** | **(87,075.00)** | **(104,657.75)** |
| | X'KELLNA QABEL | 336,690.67 | 321,017.67 | 319,107.92 | 336,690.67 |
| | X'GHANDNA ISSA | 321,017.67 | 319,107.92 | 232,032.92 | 232,032.92 |

## Noti:

Mis-sena 2012 sas-sena 2014 l-Infiq tal-Kunsill mistenni jeċċedi d-Dħul u dan minħabba l-fatt li ser jonqos id-dħul taħt il-Bye-Laws, filwaqt li l-ispejjeż taħt is-Salarji u taħt Manutenzjoni u Xogħolijiet Oħra, ser ikomplu jogħlew. Għal din id-differenza fl-infiq ser jagħmlu tajjeb fondi li ġejjin mis-snin ta' qabel, li għalkemm ser ikunu naqsu konsiderevolment għandhom ikunu biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għal din id-diskrepanza bejn id-dħul u l-infiq.

### 5.3 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2012-2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dhul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 692,945.00 | 694,000.00 | 695,000.00 | 2,081,945.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubblici/Governattivi | | | | |
| 0015 | Hwejjeg ohra | 147,905.00 | 16,219.25 | 5,000.00 | 169,124.25 |
| | | **840,850.00** | **710,219.25** | **700,000.00** | **2,251,069.25** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 9,900.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 29,900.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 7,200.00 | 3,500.00 | 3,500.00 | 14,200.00 |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | | | | |
| 0066 | Generali | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| | | **19,100.00** | **15,500.00** | **15,500.00** | **50,100.00** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 600.00 | 500.00 | 500.00 | 1,600.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | **600.00** | **500.00** | **500.00** | **1,600.00** |
| **0100** | **Generali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 31,000.00 | 20,000.00 | 20,000.00 | 71,000.00 |
| | | **31,000.00** | **20,000.00** | **20,000.00** | **71,000.00** |
| | | **891,550.00** | **746,219.25** | **736,000.00** | **2,373,769.25** |

## Noti:

Id-dħul fis-sena 2012 mistenni jkun ta' €891.550. F'din is-sena qed jiġi stmat li l-Kunsill ser ikun qed idaħħal madwar €147,905 taħt il-vot Ħwejjeġ Oħra li jinkludi dħul ta' €110, 000 mill-*Urban Improvement Fund,* u l-ammont ta' €37, 905 mistenni jidħol minn skemi ta' għajnuna mill-Gvern.

Id-dħul fis-sena 2013 mistenni jkun ta' €746, 219. F'din is-sena mistenni jkun hemm dħul ta' €11, 219 mill- *Public Private Partnership Scheme* għal xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq.

Fis-sena 2014 id-dħul totali qed jiġi stmat li jkun ta' €736, 000. Taħt ħwejjeġ oħra qed jiġi stmat biss l-ammont ta' *€5, 000* taħt l-iskema għal attivitajiet kulturali.

## 5.4 Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-*Kont* | Deskrizzjoni | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2012-2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 20,746.00 | 20,900.00 | 21,000.00 | 62,646.00 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 105,500.00 | 107,000.00 | 108,000.00 | 320,500.00 |
| 1300 | Bonus | 3,075.00 | 3,075.00 | 3,075.00 | 9,225.00 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | 7,454.00 | 7,454.00 | 7,500.00 | 22,408.00 |
| 1500 | Kontribuzzjoniјçt tas-Sigurtà Soċjali | 10,700.00 | 10,700.00 | 10,800.00 | 32,200.00 |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | 1,850.00 | 350.00 | 350.00 | 2,550.00 |
| 1700 | Sahra | 5,000.00 | 5,500.00 | 6,000.00 | 16,500.00 |
| | | **154,325.00** | **154,979.00** | **156,725.00** | **466,029.00** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 15,000.00 | 16,000.00 | 17,000.00 | 48,000.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 2,000.00 | 2,300.00 | 2,500.00 | 6,800.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 50,000.00 | 70,000.00 | 70,000.00 | 190,000.00 |
| 2400 | Kera | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| 2500 | Shubija f'Ghaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 400.00 | 600.00 | 600.00 | 1,600.00 |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | 7,000.00 | 7,000.00 | 7,000.00 | 21,000.00 |
| 2700 | Trasport | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 15,000.00 |
| 2800 | Safar u vvjaggar | 13,000.00 | 13,000.00 | 13,000.00 | 39,000.00 |
| 2900 | Taghrif lill-Publiku | 8,000.00 | 8,000.00 | 8,000.00 | 24,000.00 |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 327,900.00 | 335,000.00 | 337,000.00 | 999,900.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 7,500.00 | 7,500.00 | 7,500.00 | 22,500.00 |
| 3200 | Tahrig | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 29,900.00 | 30,000.00 | 30,000.00 | 89,900.00 |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 750.00 |
| 3600 | Spejjez tal-Gwardjani Lokali | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| | | **470,950.00** | **499,650.00** | **502,850.00** | **1,473,450.00** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | | | | |
| 7200 | Titjib | 34,172.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 54,172.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 3,500.00 | 3,500.00 | 3,500.00 | 10,500.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | 244,276.00 | 80,000.00 | 150,000.00 | 474,276.00 |
| | | **281,948.00** | **93,500.00** | **163,500.00** | **538,948.00** |
| | **TOTAL** | **907,223.00** | **748,129.00** | **823,075.00** | **2,478,427.00** |

**Noti:**

Il-proġetti speċjali li mistennija jsiru fis-sena 2012 ser ikunu xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership Scheme*.

Matul is-sena 2012 il-Kunsill ser iwettaq proġett ta' post ta' rikreazzjoni fil-Qasam tad-Djar f'Buleben iż-Żgħir.

Matul is-sena 2014 mistenni jsir iktar xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq.

## 6.1 It-Tbassir dwar l-Iżvilupp Kapitali għal Tliet Snin

| Nru. tal-Proġett | Infieq Kapitali<br>Deskrizzjoni tal-Proġett | 2012<br>KONT<br>€ | 2012<br>PROĠETT<br>€ | 2013<br>KONT<br>€ | 2013<br>PROĠETT<br>€ | 2014<br>KONT<br>€ | 2014<br>PROĠETT<br>€ | 2012-2014<br>TOTAL TAL-KONT<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **7001** | **Xiri ta' Propjeta** | | | | | | | |
| **7100** | **Bini u Kostruzzjoni** | | | | | | | |
| **7200** | **Titjib** | 34,172.00 | | 10,000.00 | | 10,000.00 | | 54,172.00 |
| | Għamara għall-Uffiċċju | | | | | | | |
| | Sinjali tat-traffiku u | | | | | | 2,000.00 | |
| | Ismijiet ta' Toroq | | 2,400.00 | | 2,000.00 | | 500.00 | |
| | Titjib Urban | | 2,500.00 | | 2,500.00 | | 2,000.00 | |
| | Bożoż Ġodda | | 5,000.00 | | 5,000.00 | | 5,000.00 | |
| | Installazjoni ta' lift | | 23,772.00 | | 500.00 | | 500.00 | |
| | Siġar | | 500.00 | | | | | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | 3,500.00 | | 3,500.00 | | 3,500.00 | | 10,500.00 |
| | Makkinarju | | 3,500.00 | | 3,500.00 | | 3,500.00 | |
| | Computer | | | | | | | |
| **7500** | **Proġetti Speċjali** | 244,276.00 | | 80,000.00 | | 150,000.00 | | 474,276.00 |
| | Road Resurfacing | | 204,276.00 | | | | 150,000.00 | |
| | Post ta' rikreazzjoni | | 40,000.00 | | | | | |
| | f'Buleben iż-Żgħir | | | | | | | |
| | Ħas-Sajjied | | | | 80,000.00 | | | |
| **Total Proġetti Ġodda** | | 281,948.00 | | 93,500.00 | | 163,500.00 | | 538,948.00 |